MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-16 ta' Mejju, 2008

Numru 336/1998

**Il-Pulizija**
**Spettur Maurice Curmi**

**vs**

**Francis sive Frank Rapa**

Il-Qorti:

Rat li l-imputat Francis sive Frank Rapa ta’ 37 sena, iben Paul u Salvina nee’ Mizzi, imwieled Victoria fis-16 ta’ Lulju 1960 u residenti Flt. 2, Bini tal-Gvern, Triq it-Tabib Anton Tabone, Victoria u detentur tal-karta ta` l-identita` numru 40660(G) gie imressaq quddiemha akkuzat talli:-

F’ dawn il-Gzejjer, matul dawn l-ahhar snin, b’ diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’ rizoluzzjoni wahda,

Ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza bi ksur ta’ l-Artikolu. 184 ta’ Kap 9 ;

Appropja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn cekkijiet ammontanti ghal iktar mill-aggravju ta’ hames mitt lira Maltin (Lm 500), liema flus kienu jappartjenu lil Rapa Brothers Ltd. u Teddy Rapa, u li kienu gew fdati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz, taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-flus jew li jsir uzu minnhom specifikat (Art. 293 u 294 ta’ Kap 9).

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 28 ta’ Lulju 1998 (esebit a fol. 20 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tas-6 ta’ Awissu 1998 l-imputat wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn fin il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi rrizulta li l-imputat Frank Rapa u l-parti civili, li huma ahwa, ghamlu xi zmien jiggestixxu flimkien negozju permezz ta’ socjeta’ kummercjali bl-isem ta’ Rapa Brothers Company Limited. Din is-socjeta’ kellha zewg socji fi kwoti ndaqs bejniethom, u cioe’ l-imputat Frank Rapa u socjeta’ ohra apppartenenti lil parti civili Teddy Rapa. L-unika zewg diretturi ta’ Rapa Brothers Company Limited kienu l-imputat u huh Teddy Rapa. Din is-socjeta’ kienet tiggestixxi negozju ta’ manifattura ta’ konkos, *bricks*

u oggetti ohra konnessi man-negozju tal-kostruzzjoni u l-operazzjoni kollha kienet issir minn bicca art li kienet tinsab f'Tax-Xhajma, Road, in-Nadur u liema art kienet propjeta' tal-parti civili Teddy Rapa. L-indirizz registrat tal-kumpanija originarjament kien 133, Sannat Road, Rabat, Ghawdex. Mix-xhieda ta' Teddy Rapa (a fol. 207 et sequitur) jirrizulta li l-*modus operandi* addottat miz-zewg ahwa kien fis-sens li l-parti civili Teddy Rapa kien jiehu hsieb ix-xoghol tal-ufficcju, jaghmel il-konteggji, johrog il-fatturi u jeffetwa d-depoziti bankarji filwaqt li l-imputat kien jiehu hsieb il-konsenji tax-xoghol, jaghmel ix-xoghol manwali u x-xoghol ta' manutenzjoni. Irrizulta wkoll li kien intlahaq ftehim dwar dan il-*modus operandi* bejn l-ahwa anki ghalliex l-imputat Frank Rapa ma jafx jikteb u jaqra u ghalhekk ma kienx kapaci jiehu hsieb ix-xoghol li jinvolvi l-kitba.

Mil-provi rrizulta wkoll li wara madwar hames snin li s–socjeta' Rapa Brothers Company Limited kompliet topera b'dan il-mod inqala' disgwid bejn l-ahwa Rapa bil-konsegwenza li Teddy Rapa ma baqax jahdem fi hdan is-socjeta' u ghalhekk ix-xoghol manwali kompla jsir mill-imputat Frank Rapa filwaqt li x-xoghol ta' amministrazzjoni u kitba bdiet tiehu hsiebu  Emanuela Rapa, mart l-imputat. Irrizulta wkoll li in segwitu ta' dan id-disgwid li inqala' bejn l-ahwa dwar il-gestjoni tan-negozju gew intavolati diversi kawzi ta' natura civili fosthom kawza fejn Frank Rapa qed jitlob ix-xoljiment tas-socjeta' (Citazzjoni numru 171/95) u kawza ohra (citazzjoni numru 5/96) fejn l-imputat odjern talab li jixtri l-ishma ta' huh Teddy Rapa fis-socjeta' Rapa Brothers Company Limited.

Mill-provi rrizulta wkoll li fit-13 ta' Settembru 1995 gie sottomess dokument (kopja esebita a fol. 15 u 132 tal-process) fejn l-indirizz registrat tal-kumpanija gie mibdul minn dak fi Triq Sannat, Rabat, Ghawdex, u cioe' mir-residenza tal-parti civili Teddy Rapa, ghall-indirizz f'Ta' Xhajma Road, in-Nadur, u cioe' l-post fejn kien jigi gestit in-negozju tal-kumnpanija. Fuq dan id-dokument jidher li hemm il-firem ta' Teddy Rapa u tal-imputat izda Teddy Rapa qed jallega li l-firma fuq dan id-dokument li suppost hija tieghu fil-fatt m'hijiex tieghu stante li huwa qatt ma

ffirma dan id-okument u ghalhekk huwa qed jallega li l-firma tieghu giet falsifikata fuq dan id-okument li gie sottomess lir-Registru tal-Kumpaniji.

In Atti gew esebiti wkoll fotokopji ta' erba' cekkijiet (a fol. 16 sa 20) tal-Mid Med Bank Limited lkoll mahruga minn certu Joseph Cordina u pagabbli lil Rapa Brothers Company Limited fejn il-parti civili Teddy Rapa qed jallega li l-ammonti in kwistjoni gew misapproprjati mill-imputat Frank Rapa a skapitu tieghu (Teddy Rapa) u tas-socjeta' Rapa Brothers Company Limited.

Ikkunsidrat ;-

Illi fil-kaz odjern permezz tal-ewwel akkuza l-imputat jinsab akkuzat li xjentement ghamel uzu minn kitba falza u cioe' bir-reat kontemplat fl-Artikolu 184 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta filwaqt li permezz tat-tieni akkuza huwa jinsab akkuzat li ghamel approprijazzjoni bla jedd bi profitt ghalih meta sarraf cekkijiet appartenenti lil Rapa Brothers Company Limited u lil Teddy Rapa.

<u>L-ewwel akkuza – Uzu minn skrittura jew kitba falza.</u>

Kif diga' ntqal aktar il-fuq, permezz tal-ewwel akkuza l-imputat jinsab akuzat li ghamel uzu minn skrittura falza u dan bi ksur tal-Artikolu 184 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Fuq ir-risoluzzjoni, li mid-dokument esebit a fol. 132 tal-process tindika li ttiehdet unanimament miz-zewg diretturi ta' Rapa Brothers Company Limited, u permezz ta' liema ir-Registru tal-Kumpaniji gie nfurmat bit-tibdil fl-indirizz registrat tal-kumpanija, hemm il-firem taz-zewg diretturi. Il-parti civili Teddy Rapa jallega lli huwa qatt ma ffirma din ir-risoluzzjoni u jghid li l-firma indikata bhala li hija tieghu fuq dan id-dokument effettivament m'hijiex tieghu. Mir-rapport tal-espert kaligrafu Ivan Formosa li gie nominat minn din il-Qorti (rapport inserit a fol. 154 et sequitur tal-process) effettivament jirrizulta li l-firma li hemm fuq l-imsemmija risoluzzjoni m'hijiex ta' Teddy Rapa. Madanakollu l-Qorti jidrilha li l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, kif kellha l-oneru li taghmel, li l-imputat xjentement ghamel uzu minn dan id-

dokument falz u cioe' li kien konsapevoli li d-dokument kien iffalsifikat u nonostante cioe' ghamel uzu mill-istes dokument. Mill-provi fil-fatt irrizulta li l-imputat Frank Rapa ma jafx jaqra u jikteb, li l-*accounts* tal-kumpanija kien jiehu hsiebhom certu accountant Michael Zammit, li l-bdil fl-indirizz kien mir-residenza tal-parti civili Teddy Rapa ghall-indirizz fejn is-socjeta' kienet tiggestixxi n-negozju u mhux fl-indirizz residenzjali tal-imputat, u ghall-liema indirizz il-parti civili kellha access liberu u del resto f'propjeta' appartenenti lil parti civili. Kif diga' intqal aktar il-fuq mir-rapport tal-espert kaligrafu irrizulta biss li l-firma fuq ir-risoluzzjoni sottomessa lir-Registru tal-Kumpaniji ma kienitx ta' Teddy Rapa izda bl-ebda mod ma jista' jinghad li l-Prosekuzzjoni rnexielha tipprova li l-imputat Frank Rapa kien konxju jew konsapevoli li l-firma li kien hemm fuq id-dokument in kwistjoni ma kienitx ta' huh Teddy Rapa. Illi tali nuqqas tal-prova tax-xjenza assoluta tal-imputat dwar il-falsita' tal-firma ma jistax hlief iwassal lil Qorti sabiex tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-ewwel akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement huwa qed jigi liberat mill-istess akkuza.

<u>It-tieni akkuza – Approprjazzjoni bla jedd.</u>

Illi permezz tat-tieni akkuza l-imputat jinsab akkuzat b'approprjazzjoni bla jedd a tenur tal-Artikoli 293 u 294 tal-Kap. 9 tal-Ligjiet ta' Malta liema Artikoli jipprovdu s-segwenti :-

***293.*** *Kull min japproprja ru]u, billi jdawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li tkun giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija minn tliet xhur sa tmintax-il xahar:*

*Izda ebda procediment kriminali ma jista' jinbeda ghal dan id-delitt, hlief bi kwerela tal-parti.*

***294.*** *Madankollu, meta d-delitt imsemmi fl-ahhar artikolu qabel dan jigi maghmul fuq haga fdata jew ikkunsinnata lill-hati minhabba l-professjoni, industrja, kummerc,*

*amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju, l-azzjoni kriminali titmexxa ex officio, u l-piena tkun ta' prigunerija minn seba' xhur sa sentejn.*

Dwar din l-allegata approprjazzjoni bla jedd il-Prosekuzzjoni bniet il-kaz taghha fuq erba' cekkijiet (kopja taghhom esebita a fol. 16 sa 20 tal-process) liema cekkijiet huma lkoll pagabbli lil Frank Rapa Company Limited u li l-Prosekuzzjoni qed tallega li l-imputat Frank Rapa sarraf u bbenefika minnhom. Il-Prosekuzzjoni ghalhekk kellha l-oneru li tipprova li l-imputat sarraf dawn ic-cekkijiet u bbenefika a skapitu tal-kumpanija Rapa Brothers Company Limited u l-parti civili Teddy Rapa billi ha l-flus hu. Irid jinghad mal-ewwel li l-Prosekuzzjoni assolutament ma gabet ebda prova li l-imputat approprja ruhu minn xi flus apparteneti li parti civili Teddy Rapa. Jinghad ukoll li l-anqas ma ngabet prova li l-imputat effettivament qatt sarraf personalment xi wiehed minn dawn l-imsemmija erba' cekkijiet jew li kien prezenti meta ssarrfu. Fil-fatt irrizulta li t-transazzjonijiet relattivi saru minn Emanuela Rapa, mart l-imputat, li spjegat li hija kienet qed tiehu hsieb il-lat ammiinistrattiv tal-kumpanija stante li zewgha ma kienx jaf jaqra u jikteb. Finalment irid jigi rilevat li mill-provi bl-ebda mod ma rrizulta li l-imputat ibbenefika b'xi mod meta ssarfu dawn ic-cekkijiet anzi l-imputat irnexxielu jipprova sal-grad tal-probabbli li meta ssarfu c-cekkijiet in kwisjtoni dan sar ghal beneficcju tas-socjeta' Rapa Brothers Limited fis-sens li l-flus kienu qed jintuzaw sabiex jithallsu s-suppliers u l-kredituri tal-kumpanijia. Dan jirrizulta kemm mix-xhieda ta' Emanuela Rapa kif ukoll mix-xhieda tar-rapprezentanti tal-banek involuti fit-transazzjonijiet. Irrizulta filf-fatt li meta ssarfu dawn ic-cekkijiet inhargu *bills payable* lil kredituri tal-kumpanijia u kienet ghalhekk l-istess kumpanija li bbenefikat meta ssarfu l-imsemmija cekkijiet u mhux l-imputat. Emanuela Rapa, mart l-imputat ikkonfermat li minhabba id-disgwid li kien hemm bejn l-imputat u l-parti civili u peress li Teddy Rapa kien qed jirrifjuta li jiffirma cekkijiet tal-kumpanija, l-unika mezz li sabet sabiex il-kumpanija tkun tista' tonora l-obbligi taghha mal-kredituri kien li tohrog cekkijiet u *bills payable* minn fuq il-

pagamenti li tircievi permezz ta' cekkijiet favur il-kumpanijia. Il-Qorti ezaminat bir-reqqa il-provi kollha li kelha quddiemha u jidrilha li ghal kull wiehed minn dawn l-erba' cekkijiet ingabet prova li tindika li l-flus relattivi intuzaw sabiex jithallsu s-*suppliers* u l-kredituri tal-kumpanijia u li ghalhekk ibbeneifikat is-socjeta' Rapa Brothers Company Limited u mhux l-imputat.

Il-Qorti jidrilha li l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li kien hemm xi appropriazzjoni bla jedd mill-imputat a skapitu tas-socjeta' Rapa Brothers Limited jew tal-parti civili Teddy Rapa.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tidikjara lill-imputat mhux hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------